Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 06/7/194/14

**<u>Minuti tal-Laqgħa Nru. 6</u>**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.45pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, l-Kunsillier Nicholas Seychell, il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsillier Ivan Bartolo.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

Il-Viċi Sindku Steven Axisa u l-Kunsillier Roderick Spiteri, kienu skużati.

**1. <u>Minuti</u>**

1.1. Il-Minuti ġew approvati *nem com.*

1.2. Dwar punt nr. 3 is-Sindku Dominic Grima xtaq jirringrazzja lil kull min ta' sehmu fl-organizzazzjoni ta' Jum Paola 2015 fosthom lis-Segretarju Eżekuttiv u lil Kunsillier Bernard S. Lynch. Kompla billi qal li l-attività kienet waħda ta' suċċess kbir u dan jixhed ukoll l-ammont ta' nies li attendew.

1.3. Dwar punt nr. 4 is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali m'aċċettax it-talba għal-varjazzjoni mal-ispiża tal-proġett ta' Triq Melita. Għaldaqstant il-membri qablu li għandna nippruvaw ninnegozjaw il-prezz mal-kuntrattur sabiex il-varjazzjoni taqa' taħt il-limitu stipulat bil-liġi. Jekk dan ma jkunx possibbli għanda issir it-triq bl-ispiża oriġinali b'main wieħed.

**2. <u>Korrispondenza</u>**

2.1. Ittra mingħand is-Soċjeta Fil. Fra Antoine De Paule bħala ringrazzjament lil membri tal-Kunsill għal-għajnuna li sabu tul il-festa 2015.

2.2. Ittra t'apprezzament mingħand l-aħwa Franġiskani Kapuċċini bħala ringrazzjament għar-rikonoxximent li ġie mogħti lilhom f'Jum Paola 2015 kif ukoll tat-tisbieħ li sar fl-akwata tagħhom.

2.3. Talba mingħand is-Soċjeta Filarmonika 11 ta' Frar kif ukoll l-Għaqda Nar u Armar Lourdes, sabiex il-Kunsill Lokali Paola jassisti lill-għaqda fl-armar ta' Paola Hill fi żmien il-Milied. Filwaqt li l-membri qablu li jassistu b'mod finanzjarju lill-għaqdiet fl-armar tal-Milied 2015 bl-istess ammonti tas-snin imgħoddija, is-Sindku ippropona li issir laqgħa ma kull għaqda li tati sehemha f'dan l-armar sabiex jiġi assigurat li l-Kunsill Lokali jieħu l-valur għall-flus li jingħataw lil dawn l-għaqdiet.

2.4. Ittra mingħand John Montebello fejn qed jipproponu li jerġa isiru klassijiet ta' l-aerobics fil-Kunsill Lokali Paola bl-istess programm li sar is-sena l-oħra fejn kull lezzjoni tiswa €30. Il-membri approvaw.

2.5. Ittra mingħand l-iskema GreenPak fejn qed tiġi offruta l-opportunita li fil-bini tal-Kunsill Lokali jiġu milqugħa ħwejjeġ użati sabiex umbagħad bil-flus li jinġabru mir-riċiklar ta' dawn il-ħwejjeġ jingħataw donazzjoni lil-NGO ambjentali Nature Trust. Il-membri approvaw.

2.6. Ittra mingħand is-Sinjura Alexandra Ellul, manager minn Transport Malta, fejn qed jinfurmaw lil Kunsill Lokali Paola illi is Sump Award ta' l-2014 fejn il-Kunsill kien rebaħ vettura elettrika b'valur ta' €10,000, inbidlet u l-Kunsill Lokali Paola ser jingħata is-somma ta' €10,000 biex jixtri vettura elettronika ta' l-għażla tiegħu skond il-ħtiġijiet tal-Kunsill. Għaldaqstant il-membri qablu li fid-dawl li l-Van tal-Kunsill qed ikollu ħsarat ripetittivi dan il-van jiġi skrapjat u dawn il-fondi jintużaw sabiex jinxtara van. Is-segretarju informa lil membri illi jekk il-Van jiġi skrapjat biex tinxtara vettura elettrika il-Kunsill Lokali jingħata wkoll għotja oħra m'għand il-Gvern b'risq ix-xiri ta' din il-vettura. Il-membri qablu li tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex jinxtara vann elettriku.

## 3. <u>Ħatra ta' Kumitat għall-Aġġudikazzjoni ta' l-offerti</u>

3.1. Is-Sindku qal illi wara li l-Kunsill Lokali ħareġ sejħa għall-offerti għal-xogħol ta' patching u ieħor dwar marki u tabelli fit-toroq, issa wasal iż-żmien sabiex dawn jiġu aġġudikati.

3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-offerti li waslu kienu:

3.2.1. Tender 2/15 Patching and Road Humps Work

| | |
|---|---|
| Ell's Urban Services | *Schedule of Rates annessa.* |

Tender 3/15 *Maintenance of Traffic signs and Road Markings*:

| | |
|---|---|
| Koptasin | *Schedule of Rates annessa* |
| B. Grima & Sons ltd. | *Schedule of Rates annessa* |

3.3. Il-membri qablu li għandu jinħatar Kumitat wieħed għall-aġġudikazzjoni ta' dawn l-offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-membri li l-Viċi Sindku Steven Axisa kien infurmah b'email li jixtieq ikun parti mill-Kumitat. Għaldaqstant il-membri qablu li dan il-Kumitat ikun magħmul mis-Sindku Dominic Grima, l-Viċi Sindku Steven Axisa, il-Kunsillier Roderick Spiteri u l-Kunsillier Ivan Bartolo.

## 4. <u>Infurzar tal-Bye Law dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq</u>

4.1. Is-Sindku Dominic Grima qal li wasal iż-żmien li nibdew naraw kif norganizzaw ir-reklamar li jsir fit-toroq u mhux kulħadd iwaħħal kif ġie ġie. Is-Sindku kompla wkoll billi qal li fid-dawl tal-ħafna diskors li qed isir b'rabta mar-reklamar mal-ħajt tal-ħabs huwa xtaq jiċċara biss illi dan il-ħajt m'huwiex propjetà tal-Kunsill Lokali Paola u il-Kunsill m'għandu l-ebda jedd fuq dan il-ħajt u r-reklami li jitwaħħlu miegħu.

4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hawn reklami illi huma mwaħħla mal-bollards tal-Kunsill Lokali li huma wkoll bla permess. Is-Sindku ippropona li jsir proġett pilota fejn jinħolqu barriers/bollards li jgħinu fis-sigurtà tal-pedestrians li magħhom ikun jista' wkoll jeħlu reklami kif innotat fil-bye-law. Il-membri qablu li isir dan il-proġett pilota filwaqt li wkoll jorganizza u jneħħi dawk ir-reklami ta' min mhux iħallas.

## 5. Proposta ġbir ta' Skart Separat

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-kuntratt ta' ġbir ta' skart separat li l-Kunsill Lokali Paola għandu mal-iskema GreenPak kien skada u għaldaqstant mexa mad-direttiva tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u staqsa liż-żewġ skemi għall-proposti ġodda b'rabta ma' dan is-suġġett. Kompla billi qal li kienu waslu żewġ proposti u pprezenthom lil membri sabiex jaraw liem hija l-aktar offerta vantaġġuża.

5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv xtaq jirrimarka illi fid-dawl tal-fatt illi l-impjieg preċedenti tiegħu kien ma waħda minn dawn l-iskemi xtaq illi jkunu l-membri tal-Kunsill li jaraw sew il-proposti u jkunu huma li jaslu għal-konklużjoni.

5.3. Is-Sindku Dominic Grima qal li ż-żewġ proposti huma simili ħafna però qal li l-iskema GreenPak qed toffri xi ħaġa aktar għax qed joffru li jpoġġu CCTV cameras għall-postijiet fejn kien qed jintefa ħafna skart goff bħal dawk viċin tal-*bring-in-sites*.

5.4. Il-Kunsillier Seychell qal li fid-dawl li meta l-kuntratt kien f'idejn l-iskema GreenMT l-Kunsill kien mwiegħed numru ta' affarijiet li ma waslux, ma jista' qatt ikun favur li nagħtu l-kuntratt lill-iskema GreenMT. Is-Sindku Dominic Grima kompla billi qal li fil-leġislatura preċedenti l-iskema GreenMT kisret il-ftehim li kellha mal-Kunsill wara li dak li kien mwiegħed ma wasalx. Infatti kien il-Kunsill li waqqaf dan il-kuntratt f'dik il-leġislatura. Is-Sindku qal li huwa ħadem maż-żewġ skemi u ra differenza kbira għall-aħjar meta huwa kien iffirma il-kuntratt mal-iskema GreenPak.

5.5. Wara li l-membri iddiskutew iż-żewġ proposti qablu li għandom jerġaw jagħtu l-kuntratt lill-iskema GreenPak.

## 6. Attività Anzjani-Milied 2015

6.1. Il-Kunsillier Bernard Lynch ippropona illi l-Party Annwali ta' l-anzjani isir fis-17 ta' Diċembru 2015 fil-Palace Hall Paola u l-kantant prinċipali ikun Renato. Il-membri approvaw.

KUNSILL LOKALI PAOLA

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku Dominic Grima informa lil membri illi ġie avviċinat minn numru ta' residenti biex tissemma triq għal Dun Vinċenz Deguara u qal li issa li tlestiet it-triq ta' fejn it-torrijiet viċin ta' Triq l-Arkata, hemm bżonn li jintagħżel isem għal din it-triq. Il-membri iddiskutew dan però qablu li f'laqgħa oħra tiġi diskussa din il-materja f'aktar dettall u tittieħed deċiżjoni sabiex umbagħad titressaq fl-*Street Naming Committe*.

7.2. Is-Sindku Dominic Grima qal li fid-dawl tat-tibdil li qed isir mill-Uffiċju tal-Prim ministru dwar il-*one stop shop*, l-uffiċini tagħna ġew skomdi u għaldaqstant ippropona li jsir ftit xogħol sabiex jakkomodaw iktar il-kumplament ta' l-impjegati filwaqt li tiżdied iktar is-sigurtà fil-Kunsill. Il-membri qablu.

7.3. Is-Sindku Dominic Grima qal li fil-bidu tal-leġislatura huwa kien iltaqa' mal-kuntratturi prinċipali tal-Kunsill fejn huwa ta' 100 jum ċans li fih jaraw li jkunu qed joperaw skond il-kuntratt mogħti lilhom. Is-Sindku kompla billi qal li sfortunatament fejn jidħol il-ġbir ta' skart, indafa, latrini etc, kien qed jirċievi numru ta' ilmenti kemm hu personali kif ukoll fil-Kunsill. Is-Sindku qal li anka irċieva ilmenti min uħud mill-Kunsilliera dwar dan. Għaldaqstant xtaq jinforma lil membri illi fid-dawl ta' dan kien ħa jibgħat ittra uffiċjali lil kuntratturi li ma jkunux qed joperaw b'mod tajjeb sabiex jirranġaw l-operat tagħhom. Dan ser isir qabel jittieħdu proċeduri dixxiplinarji kif innotat fit-tender document.

7.4. Il-Kunsillier Bernard Lynch xtaq jistaqsi lis-Sindku għalfejn il-grawnd ta' Pace Grasso qed ikun magħluq għall-pubbliku wara nofsinhar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi meta beda jokkupa l-kariga kien staqsa lil kuntrattur Zammit li qallu li l-grawnd qed jagħlqu minħabba abbużi li kien qed isiru u wara li kellu ftehim mal-Kunsill. Is-Sindku Dominic Grima qal li l-ftehim oriġinali kien li l-kuntrattur jiftaħ filgħodu u jgħalaq filgħaxija is-sit ta' Pace Grasso u ta' dan ikun jista jipparkja t-trakkijiet tiegħu fis-sit. Għaldaqstant qal li l-Kunsill għandu jara li s-sit jinfetaħ tul il-jum kollu.

7.4.1. Hawnhekk il-Kunsillier Muscat qal li l-Kunsill Lokali qed isib ftit vantaġġ mill-grawnd meta mqabbel mal-kuntrattur Zammit illi jipparkja t-trakkijiet tiegħu hemm. Kompla billi qal li jekk il-Kunsill qed jara li dan is-sit mhux qed jintuża bħala parkeġġ min-nies dan għandu jingħata lura lil-Gvern u ma nħalsux iktar kera għax jidher biċ-ċar li l-flus qed jitħallsu għalxejn. Il-Kunsillier Muscat

ppropona wkoll li jekk dan ikun il-każ nipproponu lil Gvern sabiex jikri dan il-post lil Kuntrattur Zammit.

7.4.2. Is-Sindku Dominic Grima irrisponda u qal l-Kunsill ma jista' qatt jagħmel dan; anzi qabel ma dak li kien qal qabel l-istess Kunsillier Muscat li jekk hux qed isir użu mis-sit bħala parkeġġ il-Kunsill jagħti l-post lura lil Gvern. Il-Kunsillier Muscat qal li ma jistax jifhem kif dan ma jistax isir meta l-Gvern preċedenti kien offra li jikri parti mis-sit lilu għal €900 wara li għamel talbu u stess. Il-Kunsillier Muscat kompla billi qal li huwa ma kienx aċċetta li jħallas din is-somma u talab lid-Dipartiment ta' l-artijiet biex jirrevedu il-prezz liema ftehim baqa qatt ma sar u għaldaqstant ma ħallas l-ebda flus.

## 8. <u>Skeda tal-Pagamenti</u>

8.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 6 għas-somma ta' €71,668.56.

## 9. <u>Aġġornament</u>

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:05pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 17 ta' Novembru 2015.

| | |
|---|---|
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |